Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell: 15/2011AE

**Hugo Chetcuti personalment u ghan-nom ta' Three Sixty Limited u Lifetime Limited**

**Vs**

**L-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fil-31 ta' Mejju 2001 l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta appellat minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu tas-16 ta' Mejju 2011. L-appellati kienu appellaw minn avvizi ta' infurzar li l-Awtorita' kienet harget fir-rigward tal-istabbilimenti 121 Havana, Hugo's Passion u 121 Lounge Bar li jinsabu f'Paceville. Fl-avvizi ta' infurzar, datati 22 ta' Marzu 2011, kien jinghad li l-istabbilimenti kienu qeghdin joperaw:

*"... bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja kif mahruga minn din l-Awtorita' peress li pprovdejt jew ippermettejt li jigu pprovduti **facilitajiet ghaz-zfin bhala skop primarju** u li dan mhux kopert bil-licenzja".*

L-aggravji tal-appellanti huma:-

1. Id-decizjoni tas-16 ta' Mejju 2011 hi bazata fuq kriterji mhux kontemplati fil-ligi peress li l-Bord ibbaza d-decizjoni fuq l-introjtu bhala l-kriterju sabiex jiddistingwi bejn bar u diskoteka.
2. M'huwiex korrett li licenzja ta' *amplified music* tigi ekwiparata ma' diskoteka u dan peress li l-licenzja sabiex tindaqq amplified music ma jfissirx li l-post jista' jintuza ghaz-zfin.

L-appellati wiegbu.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 saret trattazzjoni mid-difensur tal-appellati filwaqt li d-difensur tal-appellanti rrefera ghar-rikors tal-appell.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

1. Il-licenzja li hemm fir-rigward tal-istabbilimenti 121 Havana, Hugo's Passion u 121 Lounge Bar hi ta' **bar**. Skond regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja 409.15[1]:

[1] Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel.

*"bar" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel accessibli għall-pubbliku u li jipprovdi* ***facilitajiet li toqghod bil-qieghda, li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' alkohol u xorb mhux alkoholiku li jigi kkunsmat fil-post*** *imma jeskludi l-offerta ta' ikel bi hlas, skond standards kif jidhru fir-Raba' Skeda*;

filwaqt li:-

*"diskoteka" tfisser stabbiliment accessibli ghall-pubbliku li jkollhu bhala skop primarju li* ***jipprovdi facilitajiet ghaz-zfin*** *kif ukoll* ***id-daqq ta' muzika amplifikata jew live****, skond standards kif imnizzla fil-Hames Skeda;*

Il-Bord ikkonkluda li:-

*"... Jekk l-introjtu primarju gej mill-bejgh u konsum tax-xorb, allura, l-iskop primarju ta' dak l-istabbiliment ghandu jitqies li huwa ta' bar .....Bl-istess mod, fl-opinjoni ta' dan il-Bord, 'il fatt li bars b'muzika amplifikata adegwaw ruhhom ghall-esigenzi tas-suq u bdew jipprovdu facilitajiet ancillari ghall-bejgh u konsum tax-xorb m'ghandux per se ibiddel id-destinazzjoni ta' l-istess stabbilimenti* ***basta, pero', li l-introjtu primarju taghhom ikun gej mill-bar u mhux mis-servizzi ancillari u li l-istabbiliment innifsu ma jkunx irriduca l-istrutturi proprji ta' bar ghal-livelli minimi jew insinifikanti fil-kuntest tal-istabbiliment as a whole****"*.

Kazijiet bhal dawn jinqalghu minhabba n-nuqqas tal-Malta Tourism Authority li tistabbilixxi kondizzjonijiet meta taghti licenzja sabiex fl-istabbiliment tindaqq muzika amplifikata. Dan iwassal ghal xenarju ta' *free for all*. Ir-regolament 12(3) tal-Ligi Sussidjarja 409.15 jipprovdi:

*"[....] Izda l-Awtorita' tista' timponi dawk it-talbiet, kondizzjonijiet u limitazzjonijiet fil-licenzja kif tista' tikkunsidra neccessarju, xieraq u proporzjonat skont l-Att u r-regolamenti maghmulin taht l-Att"*.

L-uniku xhud tal-Awtorita kien Andre' Zammit li kkonferma li bejn l-4 u 5 ta' Marzu 2011 kienet saret spezzjoni tal-istabbilimenti. Ikkonferma li f'kull lokal kien hemm bar counter; seating area; *dance floor* bid-dwal[2]; *disk jockey* u muzika li ma kinitx tippermetti li wiehed ikollu konversazzjoni normali. Qal ukoll li l-klijenti ma jhallsux biex jidhlu fl-istabbilimenti.

[2] Pero fil-prime note jinghad ukoll: *"Dr Cutajar asked whether there was a separate designated dance floor in these outlets. A. Zammit replied that although there was not the traditional dance floor yet there was the lighting and general atmosphere of a discotheque"*. Dan juri element ta' inkonsistenza. Ix-xhud l-ewwel qal li hemm dance floor area u mbaghad qal li fl-istabbilimenti m'hemmx *"the tradtional dance floor"*.

Il-qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami l-investigazzjoni li ghamlet l-Awtorita kienet fqira. Investigazzjoni serja kienet titlob li:-

i. L-ezercizzju jsir fuq perjodu ferm itwal minn jumejn.
ii. Fil-perjodu tal-investigazzjoni jittiehdu kull darba li ssir spezzjoni ritratti u video tal-istabbiliment tal-fond minn gewwa u l-attivita' li tkun ghaddejja fil-hin tal-ispezzjoni. Ghandhom ukoll jingabru certu dettalji bhal per ezempju d-daqs tal-fond, in-numru ta' mwejjed u siggijiet, l-apparat tal-muzika li tinstab fil-fond. F'dan il-kaz jirrizulta li x-xhud kien ipprezenta xi ritratti li qal li sab fuq l-internet tal-istabbilimenti in kwistjoni, u li l-Bord ikkonkluda li m'ghandhomx valur probatorju.

Hekk ukoll meta jsir appell minn ordni ta' nfurzar l-Awtorita ghandha tressaq il-provi kollha li jkunu ngabru fil-kors tal-inverstigazzjoni u mhux tillimita ruhha ghal xhud wiehed biss.

Il-qorti hi tal-fehma li l-introjtu tan-negozju m'ghandux ikun l-uniku kriterju kif jigi determinat jekk l-istabbiliment huwiex jintuza bhala bar. Fin-nuqqas operatur li jinghata licenzja biex iddoqq muzika tghajjat, ikun inghata cavetta sabiex jaghmel attivitajiet ohra fil-fond li jezigu licenzja differenti minn dik li ghandu. F'dan il-kaz ma jidhirx li hu kkontestat li l-introjtu tal-appellanti hu biss mill-bejgh tax-xorb. Hu ovvju li n-negozjant ser jaghmel dak kollu li jista' biex jattira iktar nies fl-istabbilment. Iktar ma jattira nies iktar ser ibiegh xorb u iktar jaghmel qliegh. **Skond ir-regolament** il-qorti hi tal-fehma li bar m'huwiex intiz sabiex persuni jmorru jizfnu, izda li persuni jpoggu madwar mejda u jixorbu. Konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha mill-fatt li fid-definizzjoni ta' bar hemm inkluz li l-istabbiliment jipprovdi *'facilitajiet li toqghod bil-qeghda'*. Imbaghad l-istess regolament jipprovdi li 'facilitajiet ta' bil-qeghda' tfisser *"provista ta' mwejjed, siggijiet u, jew xi arrangament iehor biex toqghod bil-qieghda mahsub ghall-konsum ta' ikel u, jew xorb fil-post"*. Fil-fatt l-istess definizzjoni ma ssemmiex muzika tghajjat, u hu biss bis-sahha tar-regolament 12 li detentur u operatur tal-licenzja ta' stabbilimenti, inkluz bar, jistghu japplikaw biex idoqqu muzika tghajjat. Ma jidhirx li l-Awtorita timponi xi kundizzjonijiet in konnessjoni mal-muzika, **u hawn hi l-problema**. Hekk per ezempju ma jidhirx li hemm xi kundizzjoni dwar it-tip ta' apparat li jista' jigi nstallat jew l-gholi tal-muzika. F'dawn ic-cirkostanzi 'il fatt li kien hemm *disc jockey's* u xi nies jizfnu, fid-darba li l-ispetturi ghamlu spezzjoni, m'huwiex bizzejjed biex il-qorti tikkonkludi li l-fond inbidel f'diskoteka.

Fil-fehma tal-qorti d-deposizzjoni ta' Zammit m'hijiex bizzejjed sabiex wiehed jikkonkludi li l-iskop primarju nbidel minn dik ta' bejgh ta' xorb ghall-konsum ghal dik ta' diskoteka. Investigazzjoni maghmula fuq jumejn biss bil-ftit provi li tressqu mill-Awtorita' ma jistghux iwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li l-istabbilimenti in kwistjoni qeghdin jintuzaw bhala diskoteka skond id-

definizzjoni li hemm fil-Ligi Sussidjarja 409.15. Hemm bzonn ta' hafna iktar dettall. Hu fid-dmir tal-Awtorita' li tressaq provi cari u konkreti ta' dak li tallega. Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kaz l-appellata ma qdietx dan l-oneru. Ghalhekk m'hemmx lok li tithassar id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu, minkejja li l-qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Bord li: *"Jekk l-introjtu primarju gej mill-bejgh u konsum tax-xorb, allura, l-iskop primarju ta' dak l-istabbiliment ghandu jitqies li huwa ta' bar"*.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.